MALTA

# QORTI TAL-APPELL

**(Sede Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tat-23 ta' Settembru, 2022

Appell Inferjuri Numru 21/2021 LM

**M'Concetta Galea (K.I. 246071M)**
*('l-appellata')*

***vs.***

**Direttur Ġenerali tas-Sigurtà Soċjali**
*('l-appellant')*

**Il-Qorti,**

**Preliminari**

1. Dan huwa appell magħmul mill-intimat **Direttur Ġeneral tas-Sigurtà Soċjali** [hawnhekk 'l-appellant'], minn deċiżjoni tal-Arbitru tad-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali [minn issa 'l quddiem 'l-Arbitru'], tat-28 ta' Settembru, 2021 [minn issa 'l quddiem 'id-deċiżjoni appellata'], fejn l-Arbitru annulla d-deċiżjoni tad-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali tas-27 ta' Frar, 2017 fil-konfront tar-rikorrenti **M'Concetta Galea** [hawnhekk 'l-appellata], wara li qies li d-

Dipartiment tal-Frodi u Benefiċċji ma rnexxilux jipprova li r-rikorrenti kienet qegħda f'impjieg *full-time* jew *part-time,* u li għalhekk din ma kinitx għadha eliġibbli għall-Pensjoni għal Invalidità li kienet qegħda tirċievi. L-Arbitru ddeċieda wkoll li l-ammont mitlub mid-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali ma jikkorrispondix għall-perijodu fejn l-appellanta kienet ġiet iċċertifikata *'unfit for employment'.*

**<u>Fatti</u>**

2. Jirriżulta li r-rikorrenti kienet qegħda tirċievi Pensjoni għal Invalidità migħand id-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali. Fit-30 ta' Novembru, 2016, id-Direttur Ġenerali intimat bagħat jinforma lir-rikorrenti li l-Pensjoni għal Invalidità kienet sejra titwaqqfilha, u li hija kellha tirrifondi l-ammont ta' €32,208.82 li hija kienet irċeviet f'Pensjoni għal Invalidità bejn it-30 ta' Novembru, 2010 u s-26 t'Awwissu, 2016, u dan għaliex minn investigazzjoni li saret, irriżulta li hija kellha impjieg *full-time* jew *part-time* regolari, jew kienet qegħda taħdem għaliha nnifisha. Ir-rikorrenti ma qablitx ma' din id-deċiżjoni u interponiet appell minnha quddiem l-Arbitru.

**<u>Mertu</u>**

3. Ir-rikorrenti fl-appell tagħha sostniet li mhuwiex minnu li hija kienet qegħda tagħmel xogħol bi qligħ, u fil-fatt hija tattendi l-Isptar Mater Dei regolarment għall-kura. L-Arbitru sema' lil diversi xhieda, fosthom lil Maronia Zerafa mid-Dipartiment għall-Investigazzjoni ta' Frodi u Benefiċċji, li ppreżentat

ir-rapport imħejji minnha u kkonfermatu bil-ġurament. Minn dan ir-rapport jirriżulta li d-Dipartiment kien irċieva żewġ telefonati anonimi, fejn ġie allegat li r-rikorrenti kienet qegħda taħdem bħala *cleaner* ġewwa ħanut bl-isem VCT Lighting, u kienet tmur tnaddaf ukoll fid-djar tan-nies. Jirriżulta wkoll li d-Dipartiment bagħat l-Ispetturi tiegħu jagħmlu għassa mal-ħanut in kwistjoni, u fl-ewwel żewġ spezzjonijiet li saru, ma rriżultalhomx li kien hemm xi ħadd qiegħed inaddaf il-ħanut. Wara t-tielet spezzjoni li saret, l-Ispetturi ddeċidew li jippruvaw jagħmlu kuntatt ma' sid il-ħanut, Angele Calleja. Fil-fatt sid il-ħanut ikkonfermat li l-persuna li kienet tmur tnaddaf il-ħanut tagħha, kienet ir-rikorrenti. Sid il-ħanut spjegat li hija kienet ilha taf lir-rikorrenti, u meta r-rikorrenti sseparat, kienet talbitha sabiex tibda tmur tnaddfilha l-ħanut. Calleja qalet ukoll li hija ma kinitx taf li r-rikorrenti qegħda tirċievi xi għajnuna soċjali, u r-rikorrenti kienet taħdem madwar sitt u għaxar sigħat fix-xahar, bi ħlas ta' €6.50 fis-siegħa. Sid il-ħanut ikkonfermat ukoll li r-rikorrenti kienet ilha tagħmel dan ix-xogħol għal madwar ħames snin qabel saret l-ispezzjoni. Calleja qalet ukoll li r-rikorrenti kienet bdiet taħdem magħha f'Novembru tal-2010. L-Ispetturi fir-rapport tagħhom spjegaw, li skont il-file tal-Pensjoni tar-rikorrenti, din kienet ġiet ċertifikata li mhijiex kapaċi taħdem għall-perijodu bejn it-22 ta' Ġunju, 2015 u t-2 ta' Marzu, 2018. Skont iċ-ċertifikat mediku rilaxxat lir-rikorrenti, jirriżulta li hija għandha mard kroniku li jxekkilha milli tagħmel ċerti attivitajiet fil-ħajja tagħha ta' kuljum. L-Ispetturi qalu li ladarba r-rikorrenti ma kinitx tiflaħ tagħmel ċerti attivitajiet, hija ma kellhiex tmur taħdem bħala *cleaner* ġewwa ħanut, u għalhekk irrakkomandaw lid-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali jieħu passi sabiex iwaqqaf il-ħlas tal-Pensjoni għal Invalidità lill-appellata,

u sabiex jiġbor lura l-ħlasijiet li sarulha f'pensjoni mit-30 ta' Novembru, 2010 'il quddiem.

4. L-Arbitru sema' x-xhieda ta' **Angele Calleja**, li kkonfermat li l-appellata kienet tmur tgħinha fix-xogħol ta' tindif, u li ma kellhiex ħinijiet fissi ta' xogħol, għaliex kien hemm drabi meta kienet tmur fil-ħanut bejn tmienja u għaxar sigħat fil-ġimgħa, u drabi oħra meta ma kienet tmur xejn. Ix-xhud qalet li hija kienet ilha ħabiba tar-rikorrenti għal diversi snin, u r-rikorrenti kienet tmur tagħmel ix-xogħol ta' tindif bħala forma ta' terapija għall-mard tagħha. Ir-rikorrenti lanqas ma kienet tesiġi ħlas għax-xogħol tagħha, iżda x-xhud qalet li hija kienet tħallasha bejn €6 u €6.50 fis-siegħa għax-xogħol li tagħmel. Ġie ppreżentat ukoll ċertifikat mediku li jikkonferma x'inhi l-kundizzjoni li tbati minnha r-rikorrenti, bir-rakkomandazzjoni tal-konsulent mediku li din iżżomm ruħha kemm jista' jkun attiva. Minkejja l-preżentata ta' dan iċ-ċertifikat mediku, id-Direttur Ġenerali intimat sostna l-pożizzjoni tiegħu, li r-rikorrenti mhijiex intitolata għal Pensjoni għal Invalidità u li hija għandha tirrifondi lura l-benefiċċji soċjali li ġiet imħallsu fil-perijodu ta' żmien indikat minnu.

## <u>Id-Deċiżjoni Appellata</u>

5. Permezz tad-deċiżjoni mogħtija fit-28 ta' Settembru, 2021, l-Arbitru ddeċieda l-appell interpost mir-rikorrenti, billi qal li d-Dipartiment għall-Investigazzjoni ta' Frodi ta' Benefiċċji ma rnexxilux jipprova li l-appellanta kienet qegħda f'impjieg *full-time* jew *part-time,* u li l-ammont mitlub ma jikkorrispondix għall-perijodu fejn l-appellanta kienet ġiet iċċertifikata bħala *unfit for employment,* u dan wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

*“**Ikkunsidra***

*Illi fit-30 ta’ Novembru, 2016, id-Direttur tas-Sigurtà Soċjali informa lill-appellanta li minn investigazzjonijiet li saru irriżulta li hi kienet qegħda tagħmel impjieg full-time jew part-time regolari jew taħdem għaliha nnifisha u li b’riżultat ta’ dan, id-Dipartiment kien minnufih ser iwaqqaf il-Pensjoni tal-Invalidità tagħha. Barra minn hekk, id-Direttur tas-Sigurtà Soċjali talab ukoll ir-rifużjoni ta’ €32,208.82 liema ammont ikopri l-Pensjoni tal-Invalidità u bonuses imħallsa lilha għall-perijodu ta’ bejn it-30 ta’ Novembru, 2010 sas-26 t’Awwissu, 2016.*

*Illi permezz tal-appell li l-Uffiċċju tal-Arbitru rċieva fil-21 ta’ Diċembru, 2016, l-appellanta intavolat appell mid-deċiżjoni tad-Direttur tas-Sigurtà Soċjali fejn stipulat li tali deċiżjoni ma ġietx meħuda b’ġustizzja u ekwità minħabba l-fatt li hi għadha saħansitra tmur regolarment għall-kura medika fl-Isptar Mater Dei.*

*Illi permezz tal-ittra datata 27 ta’ Frar, 2017, id-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali ta r-risposta tiegħu għall-appell tal-appellanta fejn għamel referenza għal artikolu 26 tal-Kap. 318 li jsemmi li persuna sabiex tkun intitolata għal tali pensjoni trid tkun inkapaċi milli tagħmel xi xogħol u li wara l-investigazzjonijiet li saru mid-Dipartiment tal-Frodi tal-Benefiċċji deher li l-appellanta fuq konferma tas-sid il-kumpannija VCT kienet tħaddem lill-appellanta. Għaldaqstant, id-Direttur Ġenerali talab ukoll ix-xhieda tal-Ispetturi li ħadmu fuq il-każ:-*

*Illi permezz tar-Rapport Investigattiv Kunfidenzjali tad-Dipartiment għall-Investigazzjoni ta’ Frodi ta’ Benefiċċji, ħareġ il-fatt li l-appellanta qatt ma ntlemħet fejn hi allegatament qegħda taħdem u dan wara t-tliet żjarat li saru fuq il-post. Għaldaqstant mal-istess rapport hemm mehmuża l-korrispondenza elettronika li ġiet mibdula bejn l-ispettorat u VCT Ltd li tikkonferma r-relazzjoni tal-benefiċjarja ma’ din l-istess kumpannija;*

*Illi fis-seduta tal-21 ta’ Marzu, 2017 xehdet is-Sinjura Maronia Zerafa li ppreżentat Rapport imħejji minnha flimkien ma’ Franky Camilleri, fil-kapaċità tagħhom ta’ Spetturi fid-Dipartiment għll-Investigazzjoni ta’ Frodi ta’ Benefiċċji. Dan ir-Rapport ġie kkonfermat bil-ġurament waqt is-seduta tal-21 ta’ Marzu, 2017.*

*Illi permezz tan-nota tad-Direttur tas-Sigurtà Soċjali li ġiet ippreżentata in seguito tal-Verbal tas-seduta tal-14 ta’ Novembru, 2017, id-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali ta r-risposta tiegħu għaċ-ċertifikat preżentat u fejn sostna li tali ċertifikat ma biddel xejn miċ-ċirkostanzi li l-appellanta nstabet taħdem waqt li tieħu benefiċċji talli mhix kapaċi taħdem minħabba l-istess kundizzjoni medika tagħha.*

*Illi permezz tas-sottomissjonijiet datati 16 ta’ Novembru, 2020, l-appellanta qed tisħaq li mill-atti tal-każ in kwistjoni dan il-każ ma huwiex wieħed ta’ frodi imma mill-iktar ġenwin u li jagħmel ġid hekk kif meqjus mill-professjonisti li s-Sinjura Galea żżomm lilha*

*nnifisha attiva. Barra minn dan jirriżulta wkoll il-fatt li hi kkwalifikat għal tali benefiċċju mingħajr diffikultà u fl-istess ħin ma saret l-ebda spjegazzjoni li hi kienet projbita b'xi mod li tidħol f'ħidma assoċjata ma' waħda lavorattiva. Għaldaqstant, kien ukoll diffiċli li hi tiġi identifikata li hija persuna li qegħda taħdem u li fil-fatt l-atti ma jippruvawx dan u li x-xhieda li nġiebu huma inċerti u evażivi. Fl-istess waqt ma hemm l-ebda prova li l-esponenti kienet matul iż-żmien kollu qed taħdem filwaqt li tieħu l-għajnuna li għandha dritt għaliha.*

*Illi permezz tar-risposta tal-appellat Direttur tas-Sigurtà Soċjali b'referenza għan-Nota ta' Sottomissjonijiet tal-Arbitru tas-Sigurtà Soċjali, id-Direttur tas-Sigurtà Soċjali ta r-risposta tiegħu għas-sottomissjonijiet tal-appellanta fejn stqarr illi s-sottomissjonijiet ippreżentati ma jbiddlu xejn miċ-ċirkostanzi tal-każ u li għall-Pensjoni tal-Invalidità wieħed irid ikun mhux qed jaħdem għax inkella dan il-benefiċċju mhux dak adattat għalih/a. Għaldaqstant, ma ġiet meruta bl-ebda mod li l-appellanta kienet qed taħdem mhux b'mod iddikjarat mal-awtoritajiet kompetenti bħal Jobsplus u kif ukoll dawk tat-taxxi interni. Għalhekk abbażi tar-rapport investigattiv u kif ukoll tal-emails mibgħuta inkwistjoni għandhom jingħataw il-piż ta' prova meħtieġ li l-appellanta kienet qed taħdem meta l-Pensjoni tal-Invalidità hija pensjoni għax persuna ma tistax taħdem. Għalhekk id-deċiżjoni tad-dipartiment f'din l-ittra qed terġa' tiġi kkonfermata;*

*Illi permezz taċ-ċertifikat mediku datat 2 ta' Mejju, 2017, il-Professur Andrew Borg ikkonferma li l-kundizzjoni medika li s-Sinjura Galea hija milquta minnha għalkemm ben ikkontrollata u li għaliha ma tieħu l-ebda mediċina xorta waħda hi rrakkomandata li żżomm lilha nnifisha attiva u f'saħħitha kemm jista' jkun;*

*Illi permezz taċ-ċertifikat mediku datat 16 ta' Ottubru, 2017, il-Professur Andrew Borg reġa' kkonferma li s-Sinjura Galea ilha tbati minn din il-kundizzjoni u li għalkemm tikkawżalha ħafna uġigħ, huwa meħtieġ u mitlub li kemm jista' jkun hi żżomm lilha nnifisha attiva sabiex tkun tista' tgħix b'din il-kundizzjoni;*

*Illi għalhekk l-Arbitru ser janalizza dan l-appell mill-perspettiva li d-Dipartiment ħa d-deċiżjoni tiegħu abbażi tal-fatt li l-appellanta ma kinitx intitolata għall-Pensjoni tal-Invalidità għaliex kienet qegħda taħdem fl-istess ħin;*

*Illi mill-provi ppreżentati jidher li huwa diffiċli li l-appellanta tiġi identifikata bħala persuna impjegata abbażi full-time jew part-time. Dan stante li ma hemmx ħinijiet fissi meta l-Appellanta kellha tiġi għax-xogħol, ma hemmx salarju fiss, ma hemmx dikjarazzjonijiet magħmula mill-employer lejn l-awtoritajiet rilevanti, ma hemmx invoices maħruġa mill-appellanta u ma hemm l-ebda riċevuta fiskali maħruġa mill-Appellanta a favur tal-allegat 'employer'.*

*Illi b'referenza oħra għar-Rapport Investigattiv Kunfidenzjali tad-Dipartiment għall-Investigazzjoni ta' Frodi ta' Benefiċċji fit-tielet paragrafu f'paġna 4 minn 7 fejn qed issir referenza għall-'casepapers' li jinsabu fil-file tal-Pensjoni tal-Invalidità fejn instab li fit-22 ta' Ġunju, 2015 ġie ċċertifikat li l-benefiċjarja hi meqjusa bħala 'unfit for employment' sat-2 ta' Marzu, 2018.*

*Illi l-Arbitru jinnota li dan l-appell huwa f'postu minħabba li fl-ebda punt ma ġie kkonfermat li dak li kienet qed tagħmel is-Sinjura Galea kien xogħol fuq bażi għal rasha minħabba li kif ikkonfermat sid il-ħanut stess, l-appellanta kienet ħabiba tagħha stess għal ħafna żmien minn qabel din isseparat u kienet titħallas €6.50 fis-siegħa ta' kull darba li marret u l-iktar li dak li kienet taqla' kien biss €65 fix-xahar minħabba l-fatt li din mhux dejjem kienet tmur. Abbażi ta' dan kollu dan qed jitqies bħala pagament ex gratia u ma kien magħmul bl-ebda mod fuq xi pretesta tal-appellanta;*

*Illi għaldaqstant joħroġ il-fatt li ma kien hemm l-ebda sens ta' formalità u ta' regolarità f'din l-attività. U hekk kif qalet sid il-ħanut, is-Sinjura Attard, kienet hi stess li talbitha sabiex tmur tgħinha fit-tindif minħabba ċ-ċirkustanzi li kienet għaddejja minnhom. Għaldaqstant, Kap. 452 fl-Att dwar l-Impjiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali jistipula ili dak li nirreferu għalih bħala "ħaddiem" huwa dak li qed jaħdem taħt kuntratt ta' impjieg. Abbażi ta' din id-definizzjoni, qatt ma kien approvat li l-appellanti kienet qed taħdem taħt xi kuntratt ta' impjieg sew imfisser, sew verbali jew bil-miktub.*

*Konsegwentement jidher li l-appellanta ġiet iddikjarata* 'unfit for employment' *mit-22 ta' Ġunju, 2015, iżda l-Arbitru jinnota li t-talba tad-dipartiment hija mit-30 ta' Novembru, 2010 sas-26 t'Awwissu, 2016 u ma hemm l-ebda prova li fiż-żmien qabel l-2015 l-Appellanta ma setgħetx taħdem. Illi għalhekk id-dipartiment tas-Sigurtà Soċjali m'għandu l-ebda jedd li jitlob ir-rifużjoni tal-flus mit-30 ta' Novembru, 2010 u se mai seta' jitlob ir-rifużjoni ta' benefiċċji u bonuses li ngħataw wara t-22 ta' Ġunju, 2015. Konsegwentement id-Dipartiment seta' jitlobb ir-rifużjoni tal-flejjes imħallsa bejn il-perijodu ta' 22 ta' Ġunju, 2015 u s-26 t'Awwissu, 2016.*

*Illi għandu jingħad li mar-Rapport ippreżentat mill-ispetturi Maronia Zerafa u Franky Camilleri hemm numru ta' emails u korrispondenza li saret bejn l-istess Spettur Maronia Zerafa u sid il-ħanut Angele Calleja. L-Arbitru ħa konjizzjoni u d-dovut piż lix-xhieda mogħtija mill-istess Angele Calleja taħt ġurament fis-seduta tal-21 ta' Marzu, 2017;*

***Decide***

*Għaldaqstant, l-Arbitru qiegħed jilqa' l-appell interpost mill-appellanta u qed ukoll jiċħad id-deċiżjoni tad-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali datata 27 ta' Frar, 2017 minħabba li d-Dipartiment għall-Investigazzjoni ta' Frodi ta' Benefiċċji ma rnexxilux jipprova li l-Appellanta kienet qegħda f'impjieg full-time jew part-time. U inoltre l-ammont mitlub*

*ma jikkorrispondix għall-perijodu fejn l-Appellanta kienet ġiet iċċertifikata bħala* 'unfit for employment'.

## **L-Appell**

6. Id-Direttur Ġenerali intimat ressaq l-appell tiegħu minn din id-deċiżjoni fl-10 ta' Novembru, 2021, fejn talab lil din il-Qorti sabiex tirrevoka u tannulla d-deċiżjoni tal-Arbitru tat-28 ta' Settembru, 2021, u konsegwentement tgħaddi biex tikkonferma d-deċiżjoni mogħtija fit-30 ta' Novembru, 2016 mid-Direttur Ġenerali intimat, hawnhekk appellant.

7. Fir-rikors tal-appell tiegħu d-Direttur Ġenerali appellant spjega li huwa ħassu aggravat għaliex li fil-fehma tiegħu l-Arbitru naqas li japprezza tajjeb il-provi miġjuba quddiemu, kif ukoll naqas milli japplika l-liġi b'mod korrett għall-fattispeċi li kellu quddiemu. L-appellant qal li huwa jifhem li din il-Qorti m'għandhiex il-kompetenza li terġa' tevalwa l-provi, kif għamlu d-Direttur Ġenerali fl-ewwel lok u l-Arbitru warajh, għalkemm żied jgħid li hemm każijiet fejn din il-Qorti ta' reviżjoni terġa' tevalwa l-provi, fejn jekk tonqos milli tagħmel hekk, tkun qegħda tikkaġuna inġustizzja manifesta. L-appellant għamel riferiment għall-konsiderazzjoni tal-Arbitru fejn sostna li huwa ferm diffiċli li jingħad li l-appellata tista' tiġi identifikata bħala persuna impjegata fuq bażi *full-time* jew *part-time,* u dan għaliex l-appellata ma kellhiex ħinijiet fissi ta' xogħol, ma kellhiex salarju fiss, min kien iħaddimha ma kienx għamel id-dikjarazzjonijiet neċessarji lill-awtoritajiet kompetenti, u ma kienx hemm fatturi u riċevuti fiskali maħruġa mill-appellata lill-persuna li kienet qegħda tħaddimha. L-appellant qal li huwa jinsab ferm sorpriż b'dan ir-raġunament tal-Arbitru, u dan għaliex skont

l-artikolu 26 tal-Kap. 318 tal-Liġijiet ta' Malta, biex persuna tkun eliġibbli għal Pensjoni għal Invalidità, din trid tkun ġiet ċertifikata bħala mhijiex kapaċi li jkollha impjieg *full-time* jew *part-time* regolari jew li taħdem għaliha nnifisha minħabba marda serja jew ħsara fiżika jew mentali għal mhux inqas minn sitt xhur, li jiġu minnufih qabel it-talba tagħha għal din il-pensjoni. L-appellant qal li għalhekk persuna bħal din tkun ben konxja li hija ma tistax taħdem jew tagħmel xogħol bi qligħ, waqt li tkun qegħda tirċievi pensjoni mingħand id-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali, u huwa mistenni li hija ma tkunx qegħda tagħmel xogħol bi qligħ waqt li qegħda tirċievi benefiċċji soċjali minħabba fl-inkapaċità tagħha li taħdem.

8. L-appellant qal li huwa ma jistax jifhem għal liema raġuni l-Arbitru ppretenda li matul l-arbitraġġ kellha tinġab prova li l-appellata qegħda taħdem bi qligħ, jew li hija ddikjarata bħala impjegata mal-awtoritajiet relattivi, jew li hija kienet toħroġ il-fatturi jew l-irċevuti fiskali għax-xogħol li kienet twettaq. Qal li persuna li tkun konsapevoli li ma tistax taħdem, u li jkollha f'moħħha li tqarraq u li tieħu vantaġġ mis-sistema, tagħmel minn kollox sabiex tevita li tħalli traċċi dokumentarji li juru li hija fil-fatt qegħda taħdem. Qal ukoll li huwa bil-wisq loġiku li persuna li ma tridx turi lill-awtoritajiet li qegħda taħdem bi qligħ, toqgħod lura milli tirreġistra mal-awtoritajiet relattivi li hija persuna impjegata jew li taħdem għaliha nnifisha, kif ukoll milli tirreġistra bħala persuna taxxabbli. L-appellant qal li għandu jirriżulta li l-appellata kienet taħdem b'mod regolari u li kienet qegħda tirċievi ħlas għax-xogħol li tagħmel. Qal li fid-deċiżjoni tiegħu, l-Arbitru ta piż lix-xhieda li ngħatat minn sid il-ħanut Angele Calleja, u dan minkejja li hemm diskrepanza bejn dak li stqarret Calleja *a tempo vergine,* meta ġiet ikkuntattjata mill-Ispetturi tad-Dipartiment, u dak li spjegat fl-*emails* li ġew

mibgħuta minnha lill-Ispetturi tad-Dipartiment, kif ukoll dak li eventwalment hija xehdet dwaru quddiem l-Arbitru. L-appellant qal li fl-ewwel verżjoni tagħha, Calleja qalet li l-appellata kienet tmur tagħmel xogħol ta' tindif fil-ħanut tagħha għal bejn tmienja u għaxar sigħat fix-xahar, u li kienet ilha tagħmel dan ix-xogħol għal madwar ħames snin. Il-ħlas għal dan ix-xogħol kien ta' €6.50 fis-siegħa. L-appellant qal li waqt ix-xhieda tagħha quddiem l-Arbitru, Calleja bidlet il-verżjoni tagħha u qalet li l-appellata mhux dejjem kienet tmur xogħol, u li kienet tmur tnaddfilha bħala parti mit-terapija għall-marda tagħha. Qalet ukoll li hija kienet tħallas lill-appellata minn jeddha u mhux għaliex l-appellata kienet tippretendi ħlas mingħandha. L-appellant qal li huwa evidenti li Calleja, bix-xhieda tagħha, riedet tiddefendi l-pożizzjoni tal-appellata, billi tagħti l-impressjoni li din kienet tmur tnaddfilha l-ħanut kultant sabiex tisma' mill-pariri mediċi li ngħatat. L-appellant qal li ma kienx jagħmel sens li l-appellata tmur tagħmel xogħol ta' tindif sabiex tibqa' attiva, u wieħed jistenna li persuna li ġiet ċertifikata li ma tistax taħdem minħabba fid-diffikultajiet li ssib fil-ħajja ta' kuljum, ma tkunx f'pożizzjoni li toħroġ taħdem u tagħmel xogħol ta' tindif. L-appellant qal li huwa ferm inverosimili li l-appellata kienet qegħda tagħmel xogħol ta' tindif sabiex iżżomm ruħha attiva. L-appellant issuġġerixxa li l-appellata setgħet tagħmel xi sport ħafif jew tattendi għal sessjonijiet ta' fiżjoterapija f'każ li riedet iżżomm ruħha attiva. Żied jgħid li huwa żgur li l-appellata ma kinitx mistennija tmur tagħmel xogħol li hija ġiet ċertifikata inkapaċi li tagħmel, irrispettivament minn jekk hija kinitx qegħda titħallas għal xogħolha jew le. L-appellant qal li skont l-ewwel verżjoni mogħtija minn Angele Calleja, għandu jirriżulta li l-appellata kienet tmur taħdem għal bejn tmienja u għaxar sigħat fix-xahar, u għal dan ix-xogħol kienet titħallas madwar €65 fix-

xahar. L-appellant għamel riferiment għall-fatt li meta Angele Calleja tkellmet mal-Ispetturi tad-Dipartiment l-ewwel darba, din qalet li hija ma kinitx taf li l-appellata tirċievi l-benefiċċji soċjali, u li ladarba saret taf dan, kienet sejra ttemm l-impjieg tal-appellata. L-appellant qal li din hija indikazzjoni ċara li Calleja kienet taf li kienet qegħda tagħmel xi ħaġa irregolari u skorretta kull darba li l-appellata kienet tirrapporta għax-xogħol fil-ħanut tagħha. L-appellant għamel riferiment għax-xhieda mogħtija *viva voce* minn Angele Calleja quddiem l-Arbitru, fejn qalet li l-appellata kienet tmur għax-xogħol fil-ħanut għal bejn tmienja u għaxar sigħat fil-ġimgħa u mhux fix-xahar. Qal li kieku wieħed kellu joqgħod fuq dak li qalet Calleja fix-xhieda tagħha, dan ifisser li l-appellata kienet taħdem għal minimu ta' madwar tnejn u tletin siegħa fix-xahar, u jekk wieħed kellu jikkonsidra li din kienet qegħda titħallas €6.50 fis-siegħa, dan ifisser li din kienet qegħda ddaħħal €208 fix-xahar mit-tindif.

9. L-appellant għamel riferiment għall-parti tad-deċiżjoni tal-Arbitru, fejn ingħad li l-appellata kienet ġiet iddikjarata inkapaċi għax-xogħol mit-22 ta' Ġunju, 2015 sas-26 t'Awwissu, 2016, u li fl-inkartament ma hemm ebda prova li fiż-żmien qabel l-2015 l-appellata ma setgħetx taħdem. L-Arbitru għalhekk ikkonkluda li d-Dipartiment seta' jitlob rifużjoni biss għall-benefiċċji li tħallsu lill-appellata bejn it-22 ta' Ġunju, 2015 u s-26 t'Awwissu, 2016. L-appellant qal li dan ir-raġunament tal-Arbitru huwa manifestament ħażin, għaliex waqt il-proċeduri ma ġiex ikkontestat li fis-sena 2010, l-appellata kienet qegħda tirċievi Pensjoni għal Invalidità. L-appellant qal li minkejja li dan ma jirriżultax mill-inkartament, l-appellata ilha tirċievi Pensjoni għal Invalidità mill-2007. Żied jgħid li persuna tkun intitolata għal Pensjoni għal Invalidità jekk hija tkun ġiet iċċertifikata minn persuna li jkollha *warrant* biex teżerċita l-professjoni medika,

bħala mhux kapaċi li jkollha impjieg *full-time* jew impjieg *part-time* regolari, jew li taħdem għaliha nnifisha minħabba marda serja jew ħsara fiżika mentali għal mhux inqas minn sitt xhur minnufih qabel it-talba tagħha għall-pensjoni. Qal li ladarba persuna tkun tissodisfa dawn il-kriterji, id-Direttur Ġenerali appellant huwa tenut li jibda jħallasha din il-pensjoni. L-appellant qal li jekk huwa qiegħed jitlob rifużjoni tal-ammonti li l-appellata tħallset f'Pensjoni għal Invalidità mis-sena 2010 'il quddiem, dan ifisser li qabel dik id-data l-appellata kienet uriet u ppruvat li hija kienet tissodisfa l-kriterji fl-artikolu 26 tal-Kap. 318, u konsegwenza ta' hekk, hija bdiet tirċievi l-pensjoni. L-appellant qal li r-raġunament tal-Arbitru huwa wieħed perikoluż, għaliex qiegħed jinsinwa li d-Direttur Ġenerali appellant ħallas pensjoni lill-appellata mingħajr ma għamel l-verifiki tiegħu li hija tissodisfa r-rekwiżiti msemmija fl-artikolu 26 tal-Kap. 318. L-appellant qal li huwa loġiku li jingħad li huwa mhux sejjer jitlob rifużjoni ta' ammonti li qatt ma tħallsu minnu lil xi benefiċjarju, għaliex jekk jagħmel hekk ikun qiegħed jikser b'mod lampanti l-prinċipji tal-ġustizzja u tal-ekwità.

10. Finalment l-appellant qal li huwa mhuwiex f'pożizzjoni li jittollera abbużi. Qal li għalhekk il-konsiderazzjonijiet magħmula mill-Arbitru fid-deċiżjoni appellata mhumiex siewja għaliex dawn jitbegħdu mhux ftit mill-prinċipji stabbiliti f'sentenzi li ngħataw mill-Qorti tal-Appell fir-rigward ta' każijiet simili għal dan tal-lum, b'mod partikolari għal dak li jirrigwarda l-evalwazzjoni tal-provi prodotti, u huma nieqsa mill-applikazzjoni korretta tal-Kap. 318.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

11. Il-Qorti sejra tgħaddi biex tikkonsidra l-aggravji sollevati mid-Direttur Ġenerali appellant, li fir-rikors tal-appell tiegħu qiegħed jinsisti li l-appellata għandha tirrifondi aktar minn €32,000 f'benefiċċji soċjali li tħallsu lilha bejn l-2010 u l-2016, għaliex skont l-appellant, ġie stabbilit li fi żmien imsemmi hija kienet qegħda taħdem bi qligħ. Mill-provi jirriżulta li saru għadd ta' spezzjonijiet ġewwa l-ħanut VCT Lighting, in segwitu għal informazzjoni anonima li waslet għand id-Dipartiment fis-sens li l-appellata kienet qegħda taħdem f'dan il-ħanut bħala *cleaner,* u dan minkejja li kienet iċċertifikata li ma tistax taħdem, u minkejja li kienet tirċievi Pensjoni għal Invalidità minħabba f'hekk.

*L-ewwel aggravju:* *[l-Arbitru naqas li jagħmel apprezzament korrett tal-provi]*

12. L-appellant isostni li l-Arbitru naqas milli jagħmel apprezzament korrett tal-provi u dan għaliex skont id-Direttur Ġenerali appellant, l-Arbitru ħa konjizzjoni ta' għadd ta' fatturi li ma kellux jikkonsidra sabiex stabbilixxa li l-appellata ma kellhiex impjieg. L-appellant qal li konsiderazzjonijiet dwar jekk l-appellata ma kellhiex ħinijiet fissi ta' xogħol, ma kellhiex salarju fiss, ma kinitx dikjarata li taħdem mal-awtoritajiet, u ma kien hemm l-ebda formalità jew regolarità fl-attività tagħha, huma kollha indizji żbaljati li l-Arbitru straħ fuqhom sabiex finalment ikkonkluda li l-appellata ma kinitx qegħda taħdem bi qligħ. L-appellant qal li fil-każ odjern saret spezzjoni, ġiet mitkellma sid il-ħanut fejn skont ir-rapporti li saru lid-Dipartiment, ingħad li qegħda taħdem l-appellata, u sid il-ħanut ikkonfermat li l-appellata kienet tmur taħdem bħala *cleaner*

minkejja li ma kellhiex ħinijiet jew ġranet fissi meta tmur xogħol. Id-Direttur Ġenerali appellant qal li mix-xhieda ta' Angele Calleja, ġie ppruvat li l-appellata kienet taħdem bi qligħ fl-istess żmien meta hija kellha ċertifikat li jgħid li ma setgħetx taħdem minħabba problemi ta' saħħa.

13. Il-Qorti tqis li filwaqt li huwa minnu li n-nuqqas ta' formalità fl-attività li kienet tagħmel l-appellata, waħedha mhijiex biżżejjed biex jiġi konkluż li hija ma kinitx qegħda taħdem bi qligħ, madanakollu il-provi kollha għandhom iwasslu għall-konklużjoni li l-attività tal-appellata ma tistax titqies li hija waħda ta' 'xogħol' fil-veru sens tal-kelma. L-ewwel nett hemm kunflitt fix-xhieda ta' Angele Calleja, li l-ewwel darba li tkellmet mal-Ispetturi tad-Dipartiment qalet li l-appellata kienet tmur fil-ħanut tagħha għal madwar sitt jew għaxar sigħat fix-xahar, u sussegwentement qalet li din kienet taħdem dan l-istess ammont ta' sigħat fil-ġimgħa però u mhux fix-xahar. Calleja qalet ukoll li minkejja li l-appellata ma kinitx tesiġi ħlas għat-tindif li kienet tagħmel, hija kienet tħallasha bejn €6 u €6.50 fis-siegħa. Din ix-xhud qalet ukoll li ma kien hemm l-ebda regolarità fl-attendenza tal-appellata fil-ħanut tagħha, u l-appellata kienet tmur il-ħanut għaliex skont il-parir tat-tobba hija kellha żżomm ruħha attiva kemm jista' jkun. L-appellant qal li l-appellata kellha modi oħra kif iżżomm ruħha attiva, bħal per eżempju billi tipprattika xi sport jew tattendi għal sessjonijiet ta' fiżjoterapija. Il-Qorti tqis li anki jekk stess huwa minnu li kien hemm drabi fejn l-appellata kienet tiflaħ tmur il-ħanut ta' Calleja għal madwar għaxar sigħat fil-ġimgħa, dan jammonta għal medja ta' sagħtejn kuljum. Bl-ebda tiġbid tal-immaġinazzjoni ma jista' jingħad li attività fuq medda ta' sagħtejn kuljum tista' titqies bħala 'xogħol'. Fil-fatt mir-rapport tal-Ispetturi tad-Dipartiment, jirriżulta

ċar li minkejja li dawn marru b'sorpriża fil-ħanut imsemmi fi tliet okkażjonijiet differenti, huma qatt ma sabu lill-appellata fil-ħanut, u dan jindika nuqqas ta' regolarità fl-attività tal-appellata. L-appellant jinsisti li l-appellata kkwalifikat għal Pensjoni għal Invalidità għaliex ġie stabbilit minn tobba u professjonisti mediċi li hija ma tistax taħdem għal raġunijiet ta' saħħa, u f'każ li l-appellata trid iżżomm lilha nnifisha attiva, hija għandha tfittex li tagħmel xi attività sportiva jew xi fiżjoterapija. Iżda mill-assjem tal-provi prodotti, inkluża x-xhieda li tat Angele Calleja, il-Qorti tqis li l-attendenza tal-appellata fil-ħanut ta' Calleja kienet aktar mod ta' kif l-appellata theda u tgħin lilha nnifisha billi ddaħħal ftit 'pocket money' fuq ir-riħ, għaliex wara kollox Calleja stess xehdet li l-appellata hija ħabiba personali tagħha, milli għaliex l-appellata qegħda tqis l-preżenza tagħha fil-ħanut ta' Calleja bħala xi forma ta' 'xogħol'. Il-fatt li Calleja qalet li tkun hi li tinsisti li tħallas lill-appellata, u li l-appellata ma kienet tippretendi l-ebda forma ta' ħlas mingħandha, huwa wkoll indikattiv tal-fatt li l-attività tal-appellata m'għandhiex titqies bħala xogħol. Mill-provi li nġabu għandu jirriżulta li l-appellata aktarx li kienet tmur fil-ħanut ta' Calleja meta tħossha tajba biżżejjed biex tagħmel dan, filwaqt li kieku din l-attività tassew setgħet titqies bħala 'xogħol', aktarx li kien ikun hemm aktar regolarità u konsistenza fil-preżenza tagħha. L-avukat difensur tal-appellant ikkontenda illi jekk l-appellata tmur fil-ħanut ta' Calleja għal madwar għaxar sigħat fil-ġimgħa, dan ifisser li din qegħda taqla' madwar €208 minn dan ix-'xogħol'. Imma din il-Qorti tqis li mkien ma ġie ppruvat li l-appellata verament tkun preżenti fil-ħanut ta' Calleja għal għaxar sigħat fil-ġimgħa, u barra minn hekk huwa umanament impossibbli li xi ħadd jgħix minn dan it-tip ta' dħul. Għalhekk il-Qorti ma tistax tilqa' dan l-aggravju tal-appellant, għaliex imkien ma jirriżulta li l-Arbitru għamel

apprezzament żbaljat tal-provi miġjuba quddiemu sabiex wasal għall-konklużjonijiet tiegħu.

*It-tieni aggravju: l-Arbitru naqas milli japplika l-liġi b'mod korrett*

14. L-appellant isostni li l-Arbitru naqas milli japplika l-liġi b'mod korrett meta kkonsidra li r-rifużjoni tal-pensjoni li tħallset lill-appellata ma kellhiex tibda tapplika mill-2010, iżda mill-2015. L-appellant qal li dan huwa raġunament ħażin tal-Arbitru għaliex għandu jirriżulta li l-appellata ilha tirċievi Pensjoni għal Invalidità mill-2007, u dan minħabba li dak iż-żmien hija kienet tissodisfa l-kriterji stipulati fil-liġi sabiex tingħata tali benefiċċju.

15. Din il-Qorti tqis li mill-provi li nġiebu, l-appellant la rnexxielu jipprova li l-appellata qegħda taħdem bi qligħ, u lanqas ma ġie ppruvat li din m'għadhiex eliġibbli għal Pensjoni għal Invalidità. Kuntrarjament għal dak allegat mid-Direttur Ġenerali appellant, jirriżulta li l-appellata qegħda tfittex li ssegwi l-pariri tat-tobba billi żżomm ruħha attiva fil-limiti ta' dak li tippermettilha saħħitha. Imkien ma ġie ppruvat li l-appellata m'għadhiex issofri minn problemi ta' saħħa li jagħmluha diffiċli għaliha li żżomm impjieg *full-time* jew *part-time,* u għalhekk il-Qorti tqis li anki dan l-aggravju mhuwiex ġustifikat, u għandha tiċħdu. Din il-Qorti tqis li mill-provi prodotti, lanqas ma jirriżulta illi xi attività li qegħda tagħmel l-appellata tista' tiġi interpretata bħala xi forma ta' abbuż mis-sistema, kif jallega l-appellant fl-aħħar parti tar-rikors tal-appell tiegħu.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi, din il-Qorti tiddeċiedi dan l-appell tal-appellant billi tiċħdu, filwaqt li qegħda tikkonferma d-deċiżjoni appellata fl-intier tagħha.**

**L-ispejjeż ta' dan l-appell għandhom ikunu a karigu tal-appellant.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**